**4 ta' Marzu, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert Manchè**

Lawrence sive Renzo Borg Grech għan-nom u in rappreżentanza tas-Socjetà "Flair Design Limited" kif debitament awtorizzat

*versus*

Joseph Baldacchino

## Appalt - Danni

***L-attur ippremetta li daħal f'kuntratt ta' Appalt mal-konvenut u minħabba inadempjenza tal-konvenut talab ix-xoljiment tal-kuntratt u kundanna għall-ħlas tad-danni u penali. Il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fejn allega li ma kienx hemm relazzjoni ġuridika mal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.***

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine ppremetta li l-attur nomine daħal f'kuntratt ta' appalt mal-konvenut iddatat 16 ta' Marzu, 1990 hawn anness Dok. A;

Illi ħafna mix-xogħol illi kellu jitlesta skond it-termini ta' l-appalt għandhom ma tlestewx;

Illi dak ix-xogħol illi l-konvenut lesta ma esegwihx skond is-sengħa u l-arti;

Illi l-attur nomine sofra danni minħabba dan l-aġir illegali u rresponsabbli tal-konvenut;

Illi skond il-kuntratt, il-konvenut għandu jħallas Lm50.00,0 (ħamsin lira Maltija) kuljum għad-dewmien;

Illi l-attur nomine inoltre sofra telf ta' profitt fuq ix-xogħol illi kellu jiġi esegwit mill-konvenut;

Illi inoltre l-attur sofra danni oħra konsistenti f'kiri ta' mwejjed u siġġijiet, transport ta' l-istess, *overtime* ta' *personnel* u ħsarat oħra;

Illi dan il-kuntratt ta' appalt tas-16 ta' Marzu, 1990, għandu għalhekk jiġi ddikjarat xolt u rexiss;

Talab illi għar-raġunijiet premessi din il-Qorti:

1. tiddikjara xolt u rexiss il-kuntratt ta' appalt tas-16 ta' Marzu, 1990;

2. tikkundanna lill-konvenut iħallas multa ta' Lm 50.00,0 (ħamsin lira Maltija) kuljum għal kull ġurnata dewmien;

3. tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kollha li l-attur sofra inkluż it-telfa ta' profitt;

4. tillikwida d-danni li l-attur nomine sofra minħabba l-aġir illegali u rresponsabbli tal-konvenut jekk hemm bżonn bl-opera ta' perit;

5. tikkundanna lill-konvenut iħallas dawk id-danni hekk likwidati oltre l-imgħax legali;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-1 ta' Awissu, 1990;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut illi biha huwa eċċepixxa:

"1. illi preliminarjament il-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur;

2. illi fil-meritu d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa l-attur illi ma osservax it-termini ta l-appalt u kien inadempjenti fl-osservanza ta' l-istess;

3. illi d-domandi rigward danni mitluba mill-attur huma bla bażi jekk huwa minnu l-konvenut huwa tenut illi jħallas il-multa;

4. illi l-attur għandu kull dritt fil-liġi li jittermina l-appalt iżda l-konvenut m'għandux ibati ebda konsegwenza b'daqstant illi għandhom jibqgħu inalterati u jfittex l-attur għall-pagament tax-xogħol esegwit oltre l-kumpens, jekk il-każ, a tenur ta' l-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;"

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-list tax-xhieda tal-konvenut;

Ittrattat u kkonsidrat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kovenut;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Jannar, 1994 illi bih il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-ftehim bejn il-kontendenti *dwar l-appalt "de quo" sar* mal-konvenut personalment kif jidher mill-kuntratt tas-16 ta' Marzu, 1990 illi kopja tiegħu hija esibita a fol. 5 u 6 tal-proċess, fejn il-konvenut huwa indikat bħala l-kontrattur fil-korp tad-dokument u ffirmah ukoll f'ismu personalment. Huwa minnu li fl-istess data ġie ffirmat bejn il-partijiet id-dokument, illi kopja tiegħu hija esebita a fol. 20 u 21 tal-proċess, u fejn il-konvenut iffirma "*For and on behalf of Charnwoods Limited*". Però, fuq l-ewwel paġna ta' dan id-dokument hemm miktub illi:

"*This copy is in conjunction with the signed agreement 16.03.90 on Flair Design Limited letterhead.*"

Għalhekk, dan it-tieni ftehim m'huwiex novazzjoni ta' l-ewwel wieħed u lanqas ma jagħmel wisq sens illi fl-istess ġurnata l-attur nomine jikkontratta fuq l-istess appalt mal-konvenut personalment, u mal-konvenut nomine. Hija iżjed verosimili l-ispjegazzjoni mogħtija mill-attur waqt id-depozizzjoni tiegħu, illi t-tieni dokument sar biex bih jiġu inkorporati l-kondizzjonijiet ta' bejnu u l-konvenut. Il-liġi teżiġi li l-intenzjoni li ssir novazzjoni għandha tidher biċ-ċar u mhiex preżunta (ara art. 1180 (2) tal-Kodiċi Ċivili);

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad bħala nfondata l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu u tordna l-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-kawża.